# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2008/2132(INI)**

4.11.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

gli aspetti di sviluppo regionale dell'impatto del turismo nelle regioni costiere (2008/2132(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Francesco Ferrari

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-biċċa l-kbira tal-ekonomiji tal-Istati Membri li għandhom żvilupp importanti tax-xtut jiddependu ħafna fuq id-dħul mill-attivitajiet marbuta mal-baħar, estwarji u delti, bħat-turiżmu, is-sajd, it-trasport, eċċ, u li l-isfruttament tal-ambjent tal-baħar u ta' dak tal-kosta għal skopijiet differenti jġib miegħu pressjoni li dejjem tikber; billi l-kompetizzjoni b'mod partikulari fit-tiftix ta' spazji spiss toħloq kunflitti bejn l-attivitajiet u l-interessi varji (it-turiżmu, is-sajd, is-servizzi, il-biedja, il-ħarsien tal-ekosistemi naturali), u għalhekk jinħtieġ li jkun hemm ġestjoni territorjali adegwata li tkun kapaċi timmaniġġja l-attivitajiet differenti marbuta direttament jew indirettament mal-iżvilupp tal-kosta,

B. billi fir-reġjuni fejn il-perjodi turistiċi qosra u qawwija jalternaw ma' perjodi ta' nuqqas ta' attività ekonomika, il-livelli ta' mpjiegi fis-settur ikkonċernat kif ukoll fis-settur tat-trasport jgħaddu minn varjazzjonijiet qawwija, ħaġa li spiss tagħmilha diffiċli biex ikun hemm prestazzjoni stabbli tas-servizzi u ta' kwalità adegwata,

C. billi t-turiżmu għandu rwol bħala mutur tat-tkabbir ekonomiku, tal-impjiegi u tat-teknoloġiji ta' komunikazzjoni ġodda,

D. billi l-aċċess għall-attivitajiet turistiċi tar-reġjuni tal-kosta jeħtieġ infrastrutturi ta' trasport moderni u effikaċi,

E. billi r-reġjuni tal-kosta jassumu importanza kbira għall-Unjoni Ewropea minħabba l-fatt li fihom jikkonċentraw perċentaġġ sinifikanti t'attivitajiet ekonomiċi,

1. Iqis li huwa meħtieġ li jissaħħu l-politiki li jnaqqsu l-effetti marbuta mal-istaġuni u li jħeġġu l-iżvilupp sostenibbli, mill-perspettiva soċjali, dik ekonomika u dik ambjentali, għad-diversifikazzjoni u għall-innovazzjoni tal-prodott inkluż permezz tat-"turiżmu tan-negozju", għall-ħolqien tal-impjiegi permanenti, għat-taħriġ kontinwu, għat-titjib tal-kwalifiki u għad-diversifikazzjoni tal-prodott u tas-servizzi; iqis, b'mod partikulari, li permezz tal-Fondi Strutturali, jitħeġġu wkoll il-bini istituzzjonali, il-koordinazzjoni bejn il-livell differenti tal-governanza, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-prinċipju ta' sħubija fil-programmazzjoni u fl-iżvilupp tal-proġetti, bħal m'huma l-programmi ta' skambju ta' turisti ta' 'l fuq minn ħamsin sena, it-turiżmu għas-saħħa, it-turiżmu tan-nies sinjuri u tal-kungressi;

2. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu rrispettati l-interessi tal-ħarsien tan-natura, tal-patrimonju kulturali u tat-turiżmu sostenibbli waqt l-iżvilupp u t-twettiq ta' proġetti ta' infrastruttura fis-setturi tat-turiżmu u tat-trasport;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw b'mod partikulari li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-settur privat tal-villaġġi żgħar ta' max-xtut u tar-reġjuni tal-gżejjer, billi jippromwovu eżempji tal-aħjar prattiki fil-programmazzjoni, fl-iżivlupp u fl-immaniġġjar ta' proġetti u inizjattivi speċifiċi u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-

istandards u l-istrateġiji Ewropej fil-qasam, kif ukoll il-fondi Ewropej, b'mod partikulari il-fondi ta' għajnuna għat-turiżmu sostenibbli;

4. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jippromwovu ktajjen ta' mobilità sostenibbli fit-trasport pubbliku lokali, kif ukoll il-pisti fejn ikunu jistgħu jsuqu r-roti u l-passaġġi għal min irid jimxu, b'mod partikulari fir-reġjuni tal-kosta transkonfinali, u biex jappoġġjaw għal dan il-għan l-iskambji ta' prattiki t-tajba;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni tal-gżejjer u lir-reġjuni ta' max-xtut sabiex jippromwovu ċ-ċaqliq ta' investiment fiżiku fl-infrastruttura lejn attivitajiet li għandhom l-għan li joħolqu spazju meħtieġ għat-tqegħid fis-suq territorjali u għad-diversifikazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi, permezz ta' attivitajiet li "jerġgħu jiddefinixxu l-ispazji", filwaqt li dan l-objettiv jista' jiġi sodisfatt billi:

- l-offerta tradizzjonali tiġi integrata ma' attivitajiet rikreattivi marbuta mal-baħar;
- ikunu integrati l-mezzi tat-trasport eżistenti u l-attivitajiet turistiċi differenti;
- ikun promoss il-patrimonju kulturali u naturali immaterjali, pereżempju permezz tal-ħolqien ta' itinerarji u ta' rotot tematiċi li jippermettu l-esplorazzjoni tal-patrimonju reġjonali u taz-zoni interni tal-pajjiż (b'mod partikulari l-gastronomija tagħhom);
- l-ibliet u z-zoni abitati li storikament kellhom rwol industrijali jinbidlu f'destinazzjonijiet turistiċi, permezz tal-promozzjoni tal-partikularitajiet tal-arkitettura u tal-kultura tagħhom;
- isir investiment fil-viżibilità, fil-profil u fir-riżultati tal-proġetti;
- tiġi adottata perspettiva dinjija f'dak li jirrigwarda s-suq turistiku ħalli tkun iffaċċjata l-kompetizzjoni dejjem akbar li ġejja mid-destinazzjonijiet mhux Ewropej bi prezz baxx, billi jkunu promossi, fost oħrajn, programmi adattati għal utenti ġodda tal-Unjoni, bħal m'huma t-turiżmu tal-familja u dak tal-anzjani;
- fl-iżvilupp tal-infrastrutturi turistiċi jiġu integrati miżuri ta' ħarsien tal-ambjent u ta' sikurezza marittima, b'mod partikulari l-ekonomija u l-effikaċja fl-użu tar-riżorsi, kif ukoll ippjanar sostenibbli tajjeb;
- jitfasslu programmi ta' edukazzjoni u ta' formazzjoni fis-settur tat-turiżmu, fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha (prestazzjoni ta' servizz, ekonomija u amministrazzjoni) bil-għan li jinħoloq nukleu ta' ħaddiema kwalifikati;
- ikun promoss it-turiżmu soċjali bejn ir-reġjuni tal-Unjoni fl-istaġun mejjet, peress li t-turiżmu soċjali jew aċċessibbli jippermetti lill-persuni b'mobilità mnaqqsa u lill-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw bħala turisti ġewwa l-Unjoni, u peress li dan it-turiżmu jikkostitwixxi strument effikaċi biex jisseddaq il-benesseri taċ-ċittadini Ewropej u peress li għandu impatt ekonomiku, peress li joħloq u jsostni l-impjiegi fis-settur turistiku matul is-sena kollha;
- billi jkunu analizzati u mħeġġa, jekk ikun meħtieġ, l-azzjonijiet ta' diversifikazzjoni

tal-forniment ta' servizzi turistiċi permezz tal-iżvilupp ta' firxa speċifika, bħat-turiżmu kulturali, sportiv, għall-għawn, eċċ.;

6. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex japplikaw sforzi biex jippermettu l-prestazzjoni ta' servizzi aktar vijabbli u stabbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tistudja l-mezzi biex ikun ikkumpensat in-nuqqas ta' żvilupp tax-xogħol, tal-kapital u tas-servizzi, ħaġa li hija konsegwenza tal-karattru staġjonali tal-impjiegi fis-settur turistiku tar-reġjuni tal-kosta u fis-settur tat-trasport li hu marbut miegħu;

7. Jistieden lill-Istati Membri biex ifasslu politiki adegwati rigward l-urbaniżmuu l-immaniġġjar tal-ispazju li jkunu kompatibbli mal-pajsaġġ tal-kosta;

8. Jitlob li jkunu awtorizzati inċentivi biex ikun iffavorit l-iżvilupp sostenibbli, ħalli jkunu salvagwardjati l-patrimonju kulturali u naturali u n-nisġa soċjali tar-reġjuni tal-kosta;

9. Jenfasizza l-effetti li għandha l-bidla fil-klima fuq it-turiżmu tal-kosta; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni, minn naħa waħda, biex tintegra b'mod loġiku fil-politika tat-trasport u tat-turiżmu l-objettivi Komunitarji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u, min-naħa l-oħra, biex tinkoraġġixxi miżuri li jkollhom il-għan li jħarsu t-turiżmu sostenibbli kontra l-effetti tal-bidla fil-klima;

10. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex jippromwovu l-valorizzazzjoni mill-ġdid tal-portijiet u tal-ajruporti fir-reġjuni tal-kosta u f'dawk insulari, bil-għan li jkunu indirizzati l-ħtiġijiet tat-turiżmu, filwaqt li jitqiesu kif jixraq il-possibilitajiet li jeżistu fil-qasam ambjentali u r-rispett għall-estetika u għall-ambjent naturali;

11. Itenni t-talba tiegħu rigward miżuri ta' inċentiv, ħalli, fil-għadd-kbir ta' reġjuni tal-kosta fejn jeżistu portijiet, ikunu jistgħu jsiru xogħlijiet ta' adattament li jkunu jippermettu li jintlaqgħu jottijiet u bastimenti tal-kruċieri kif ukoll xogħlijiet li jtejbu b'mod sinifikanti l-ambjent, b'mod partikulari dawk ix-xogħlijiet li jippermettu li tiġi ffaċċjata l-bidla fil-klima.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 4.11.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Etelka Barsi-Pataky, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Arūnas Degutis, Petr Duchoň, Saïd El Khadraoui, Emanuel Jardim Fernandes, Francesco Ferrari, Brigitte Fouré, Georg Jarzembowski, Stanisław Jałowiecki, Dieter-Lebrecht Koch, Sepp Kusstatscher, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Luís Queiró, Reinhard Rack, Ulrike Rodust, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Ţicău, Yannick Vaugrenard, Armando Veneto, Lars Wohlin, Roberts Zīle |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Philip Bradbourn, Lily Jacobs, Anne E. Jensen, Antonio López-Istúriz White, Vural Öger, Willem Schuth |